MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 321/2009

**Frank Borda Limited – C-446**

**vs**

**Paul Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta’ April tas-sena 2009 in forza ta’ liema intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tnax-il ewro u hamsa u tmenin centezmu (€812.85c) rapprezentanti bilanc ta’ merkanzija lilu mibjugha u konsenjata mis-socjeta’ attrici. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni.

It-Tribunal ra illi fis-seduta tal-lum 22 ta’ Jannar, 2010, il-konvenut deher personalment u ammetta t-talba attrici

prevja illi l-ewwel u qabel xejn kien ta ruhu b'notifikat bl-istess avviz.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed fuq ammissjoni tal-istess konvenut jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont kif mitlub fis-somma ta' tmien mija u tnax-il ewro u hamsa u tmenin centezmu (€812.85c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------